

# Il-Knisja ta' Sta' Katarina V. M. u l-Festa

**Mario Fenech**

Il-Knisja Arċipretali taż-Żejtun hija magħrufa sew għal dawk l-Opri artistiċi li nsibu fiha. Dawn l-Opri jitgawdex mhux biss waqt il-jiem tal-festa ta' Santa Katarina, iżda wkoll matulek ja sena peress li numru kbir minnhom huma kwadri ta' artisti magħrufa.

Meta saret Parroċċa l-Knisja antika ta' Sta. Katerina magħrufa bħala ta' San Girgor (li l-bini tagħha huwa meqjus bħala ġojjel ta' l-Arkitettura), kien hemm madwar 19-il Knisja mibnija fil-limiti tagħha. Dan ifisser li biex din ġiet magħżula biex tkun Parroċċa, fiha kien hemm diġà dan kollu li kien jinħtieġ biex iseħħ il-ħidma Pastorali meħtieġa minn Knisja Parrokkjali. Dan wara li min jaf kemm-il darba dan ir-Raħal kien ikun vittma tal-furbani meta dawn kien jinżlu fuq Artna u jkaxkru dak kollu li kienu jsibu quddiemhom. Tissemma' fil-Vista Pastorali li kien għamel fir-Raħal Mons. Dusina fis-sena 1575, iżda nafu li fis-sena 1436 ir-Raħal taż-Żejtun kien diġà sar Parroċċa.

Meta l-popolazzjoni taż-Żejtun bdiet toktor ġmiela nħasset il-ħtieġa li tiġi mibnija Knisja akbar. Għall-dan il-għan in-Nobbli Girgor Bonnici xtara biċċa art kbira biex ikun jista' jimbeda x-xogħol. L-ewwel ġebla tal-bini tal-Knisja tpoġġiet waqt Ċerimonja Solenni li tmexxiet mill-Isqof Cocco Palmieri nhar il-25 ta' Novemrbu 1692.

L-arkitett kien il-magħruf Lorenzo Gafà, u l-Kappillan ta' dak iż-żmien kien Dun Anton Gafà li dam fil-kariga mis-sena 1712 sas-sena 1733. Tlestiet fis-sena 1720 u ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Alpheran De Bussan nhar il-11 ta' Mejju 1744.

Fost dawk li ħallew isimhom permezz tax-xogħol tagħhom f'din il-Knisja hemm l-artisti Mikiel Busuttil, Vincenzo Hyzler, Xandru Farrugia, Karlu Darmanin, u tant oħrajn. Dan ifisser li minn dejjem kien hemm ħeġġa u mħabba lejn dan it-Tempju ddedikat lil Santa Katerina VM.

Il-funzjonijiet tal-Festa ta' Santa Katarina kienu jsiru bil-kbir, tant li fl-arkivji tal-Parroċċa hemm numru kbir ta' riċevuti ta' ħlas, li kien isir għal xiri ta' xemgħa, ħlas għall-mużika fil-Knisja u ħlas lill-Predikaturi. Dawn il-kontijiet uħud minnhom jeħduna lura 'l fuq minn 200 sena.

Il-Festi ta' barra kienu jressqu lejn ir-Raħal ħafna nies li kienu jqisu lil din il-Festa bħala waħda ewlenija għal mod li bih kienet tiġi ċċelebrata. Nafu li fis-sena 1860 kien hemm diġà l-ewwel Banda mwaqqfa fir-Raħal u din kienet iddoqq waqt li l-Purċissjoni fil-Pjazza. Kien jintrama armar mad-dawra tal-pjazza u t-toroqj li minnhom kienet tgħaddi l-Purċissjoni. Fost dan l-armar kienet tintrama l-kolonna l-kbira li fuqha kien jitpoġġa l-grupp li jirrappreżenta l-Martriju ta' Santa Katarina.

Mat-twaqqif tat-tieni Banda, iż-Żejtun Band 75' sena ilu l-festa ħadet xejra oħra għaliex bdew isiru aktar attivitajiet li l-livell tagħhom spiss ikun wieħed għoli ferm.

Biżżejjed wieħed jattendi għall-programm mużikali li ż-żewġ Baned jippreżentaw lill-pubbliku fuq il-planċieri artistiċi tagħhom fil-pjazza lejlet il-Festa biex jara b'għajnejh dan li qed nikteb dwaru.

Ma' dawn iż-żewġ Għaqdiet Mużikali jagħtu s-sehem tagħhom b'riżq il-festa l-Għaqda ta' l-Armar u tan-Nar. Is-sehem u l-parteċipazzjoni ta' tant nies fil-preparazzjoni ta' Festa bħal din huma garanzija ta' riżultat tajjeb.

Din is-sena l-Kumitat, Membri u Partitarji tal-Banda Żejtun bir-raġun kollu qegħdin jagħmlu festi speċjali f'għeluq il-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà tagħhom. Meta wieħed iħares lura lejn ix-xogħol kbir li sar matul dan il-perjodu, għandu jimtela bil-kuraġġ biex dak li hemm ippjanat li jsir 'il quddiem ikollu riżultati tajbin.

Il-Festa ta' Santa Katarina VM fiż-Żejtun hija waħda mill-kbar. Għaldaqstant huwa d-dmir ta' kulħadd li dak li nkiseb b'tant ħidma u sagrifiċċji jkompli jissaħħaħ fil-futur.

Il-Festa t-Tajba lil kulhadd.